

32002R0680

L 104/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.4.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 680/2002**tad-19 ta' April 2002****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(15) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jipprovdi li jiġu konċessi rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għal ċerti prodotti riferiti f'dan ir-Regolament meta jiġu esportati fil-għamla ta' l-oġġetti elenkati fl-Anness V tiegħu.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2001 tas-6 ta' Awissu 2001, li jemenda l-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana ⁽²⁾ jemenda n-Nomenklatura Magħquda, b'mod partikolari għal ċerti prodotti pproċessati mill-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001.

(3) Il-lista ta' l-oġġetti mogħtija fl-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 għandha tiġi emendata b'konsegwenza ta' dan.

(4) L-emendi għandhom japplikaw fl-istess waqt bħar-Regolament (KE) Nru 2031/2001.

(5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ta' dan.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 279, tat-23.10.2001, p. 1.

L-ANNESS

Fl-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 1260/2001, il-vers:

“1905 30 — Il-gallettini ħelwin; il-waffles u l-wejfers”

jigħi mibdul bi:

“— Il-gallettini ħelwin; il-waffles u l-wejfers

1905 31 — — Il-gallettini ħelwin

1905 32 — — Il-waffles u l-wejfers”
